RABAT

*KUNSILL LOKALI IR-RABAT*

**MINUTI tal-Laqgħa A 10**
**Il-Kumitat Amministrattiv tal-Virtu` iltaqa` nhar**
**Il-Ġimgha 27 ta' Mejju 2011 fis-6.30 p.m.**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Rabat**

* Data u ħin

** **Preżenti għal-Laqgħa:** Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur Lino Pace Bonello | Chairperson |
| Is-Sur Anthony Grixti Soler | Vici-Chairperson |
| Is-Sna Cecilia Bonello | Membru |
| Is-Sur Christopher Farrugia | Membru |
| Is-Sna. Etienne Stephania Gatt | Membru |
| Is-Sna. Roberta Ciantar | Deputat Segretarju Ezekuttiv |

**1.00 Approvazzjoni tal-Minuti A09**

1.01 Ic-Chairperson is-Sur Lino Pace Bonello ppropona li l-minuti tas-seduta numru A 09 tal-Kumitat Aministrattiv ta' tal-Virtu' jittieħdu bħala moqrija. Is-Sna. Cecila Bonello issekondat din il-proposta. Il-minuti gew approvati. Approvazzjoni tal-Minuti A09

**2.00 Korrezzjonijiet tal-Minuti A09**

2.01 Dwar minuta 8.02 is-Sur Christopher Farrugia gibed l-attenzjoni li trid tigi emendata u tigi taqra hekk kif gej: Korrezzjonijiet

"Is-Sur Christopher Farrugia qal li residenti minn Triq Alessandro Curmi gibdulu l-attenzjoni li hemm tlett arbli tal-Go plc li jhossu li jistghu ikunu ta' hsara ghall-bniedem. Huwa qal li dawn huma 'radio waves' u li xjentifikament huwa ppruvat li ma jaghmlux gid ghal tfal zghar. Huwa kkumenta wkoll dwar il-fatt li l-anqas l-ghasafar m'ghad ikun hemm fis-sigar ta' dawn l-akwati. Huwa ppropona li nikkuntattjaw lill-Malta Communications Authority sabiex naraw jekk il-Go ghandhomx il-permessi mehtiega sabiex jinstallaw dawn ir-repeaters. Is-Sur Lino Pace Bonello issekonda din il-proposta."



KUNSILL LOKALI RABAT

8, Triq l-Isptar, Rabat RBT 1043, Malta Tel: (+356) 21455000 / 21451510 / 21454533
Fax: (+356) 21451945 e-mail: rabat.malta.lc@gov.mt

| | | |
|---|---|---|
| 3.00 | **Punti Mqajma** | |
| 3.01 | 3.01 Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv informat il-laqgha li s'issa ghadna ma rcevejna l-ebda risposta minghand l-Ufficcju Elettorali. Ghaldaqstant gie deciz li ghandha tintbghat 'reminder'. | Lista tar-residenti fil-konfini ta' Tal-Virtu |
| 3.02 | 3.02 Is-Sur Lino Pace Bonello nforma l-laqgha li ntbghatet ittra lid-Dipartiment ta' l-Artijiet, fejn gejna nfurmati li dawn l-ghelieqi huma tal-Gvern. Ghaldaqstant, it-talba taghna giet mghoddija lill-Perit John Schembri fi hdan id-Dipartiment ta' l-Artijiet sabiex jiehu l-passi mehtiega biex dan il-hajt jitranga.<br><br>Il-Profs. Grixti Soler irrimarka li l-hajt in kwistjoni huwa hajt zdingat li hu maghmul minn gebel differenti. Ghaldaqstant, huwa ppropona li dan il-hajt ghandu jsir kollu bl-istess tip ta' gebla. Is-Sur Christopher Farrugia qabel mal-Profs. Grixti Soler u sahaq li trid tinzamm konsistenza. | Xoghol ta' manutenzjoni fi Triq Godwin Ganado |
| 3.03 | 3.04 Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv informat il-laqgha li din il-*manhole* ghadha ma trangatx. Ghaldaqstant il-Kumitat qabel li ghandha tintbghat 'reminder'. | Manutenzjoni fuq manhole fi Triq Pietru Caxaru |
| 3.04 | 3.05 Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv informat il-laqgha li din t-tappiera ghadha ma saritx. Ghaldaqstant il-Kumitat qabel li ghandha tintbghat 'reminder'. | Tappiera nieqsa fi Triq G Ganado |
| 3.05 | 3.06 Is-Sur Lino Pace Bonello nforma l-laqgha li s-Sur Mangion nehha u naddaf il-gebel li kien halla mal-genb tal-kastell. Minn naha l-ohra, l-KA qata` l-haxix tat-trejqa li taghti ghall-Kastell u ghall-Wied l-Isqof u ghaldaqstant, din l-akwata issa tinsab nadifa. | Hajt imwaqqa f'tal-Virtu |
| 3.06 | 4.01 Is-Sur Lino Pace Bonello talab li jiltaqa` ma' l-accountant tal-Kunsill sabiex jaghtih 'break down' ta' l-ispejjez li kellu l-KA fl-ewwel kwart tas-sena. | Quarterly Financial Report (Jan-Mar) |
| 3.07 | 5.01 Is-Sur Lino Pace Bonello informa l-laqgha li hu wahhal il-pjanta ta' dan l-izvilupp fi Triq il-Buskett k/m Triq Carlo Fiamingo sabiex ir-residenti tal-Virtu jkunu jafu kif gej il-progett. Is-Sur Christopher Farrugia ppropona li ladarba jsir dan il-progett, il-KA ghandu jwahhal 'notice board' ufficcjali sabiex inkunu nistghu nzommu kuntatt mar-residenti tal-Virtu billi nkunu nistghu nwahhlu l-avvizi tal-KA. | Zviluppi fil-progett ta' access ghal Tal-Virtu |

Is-Sur Lino Pace Bonello qara ittra mibghuta mis-Sindku Alexander Craus, fejn infurmah li wara l-laqgha li kellu ma' l-Onor. Chris Said dwar dan l-izvilupp, Dr. Said issuggerielu li la l-MEPA qed titlob li ssir 'Full Development Application', il-KA jkollu japplika b'dan il-mod. It-tieni ghazla tista tkun li minnflok dan il-progett, il-KA jaghzel li jaghmel xi xoghol iehor, li ma jkollux bzonn permessi biex isir. Hu qal dan kollu, peress li 'Full Development Application' tiehu hafna zmien biex jinhareg il-permess u l-progett taht din l-iskema jrid jitlesta sat-30 ta' Novembru 2011. Jekk kemm il-darba dan il-progett ma jitlestiex, dawn il-flus jintilfu. Ghaldaqstant, huwa ta xi suggerimenti li fl-opinjoni tieghu l-KA ghandu jiehu inkonsiderazzjoni sabiex dawn il-flus ma jintilfux.

Is-Sur Lino Pace Bonello nforma l-laqgha li nhar it-Tnejn 30 ta' Mejju 2011 huwa ghandu laqgha ma' l-Onor. Edwin Vassallo, fejn ser jipprotesta bil-qawwa kollha dwar dan il-fatt, peress li l-izvilupp diga` jezisti. Il-KA kull ma jixtieq hu li jaghmel 'embellishment' tal-bankina ezistenti u din il-bankina m'hijiex ser tithaffer. Hu ser jigibdlu l-attenzjoni wkoll li ftit tax-xhur ilu, fuq l-istess bankina thaffret trinka mill-minn xi entita minghajr ma applikaw ghal 'Full Development Application'. Huwa jhoss li l-Kumitat Amministrattiv mhux qed jinghata c-cans li jiziluppa dan il-progett.

Il-Kumitat kollu qabel li l-ewwel prijorita` tibqa` li jsir il-progett.

4.00 **Abbozz ta' stemma**

4.01 Is-Sna. Cecilia Bonello pprezentat stemma li tissimbolizza l-Gholja ta' Bir Tuta. Abbozz ta' stemma

4.02 Is-Sur Christopher Farrugia pprezenta stemma tas-Sur Peter Paul Ciantar li wkoll tissimbolizza l-Gholja ta' Bir Tuta.

4.03 Is-Sur Christopher Farrugia pprezenta stemma ohra, din id-darba tas-Sur Joe Sultana. Din tissimbolizza l-kappella li tinsab f'Tal-Virtu`. Din l-istemma ntoghgbot hafna mill-membri. Il-Kumitat qabel li ghandu jigu kkuntattjat is-Sur Joe Sultana, sabiex ma' din l-istemma jzid l-istatwa tar-redentur, kif ukoll l-arma tar-Rabat, peress li l-KA tal-Virtu` jaqa` taht il-Kunsill Lokali tar-Rabat. Ic-Chairperson Pace Bonello ghandu jaghmel kuntatt mas-Sur Sultana. Il-Kumitat

qabel.

4.04 Saret diskussjoni wkoll dwar l-istemma tas-Sur Paul Cilia. Rega` tqajjem il-punt jekk ic-cippuss instabx tal-Virtu jew le. Ghaldaqstant, il-Kumitat talab li tintbghat email li Dun Gwann Azzopardi sabiex jibghatilna d-dokumentazzjoni dwar dan il-fatt.

5.00 **Installazzjoni ta' *CCTV Monitorning System***

5.01 Is-Sur Lino Pace Bonello informa l-laqgha li ltaqa` on-site ma` tlett kumpaniji differenti, u t-tlieta li huma taw l-istess opinjoni dwar il-kwantita ta' cameras li jridu jehlu u l-lokazzjoni taghhom. Din hija sistema li tahdem bl-adsl u ghaldaqstant, mhux ser ikollna problema bil-wires peress li hija sistema 'wireless'. Hu sahaq li bhalissa ghadna fl-istadju inizzjali, u l-ewwel pass huwa li jigu evalwati l-proposti ta' dawn il-kumpaniji.

Installazzjoni ta' CCTVs

5.02 Is-Sur Christopher Farrugia ippropona li naghmlu appuntament ma' dawn il-kumpaniji sabiex jaghmlu 'presentation' tas-sistema li qed joffru. B'hekk inkunu f'pozizzjoni biex naraw x'permessi jkollna bzonn sabiex din is-sistema tigi attwata u wara li jsiru l-istudji necessarji, jinhareg it-tender.

6.00 **Repeater masts tal-GO plc fiz-zona residenzjali**

6.01 Is-Sur Lino Pace Bonello qal li d-Deputat Segretarju Ezekuttiv ghamlet kuntatt mal-Malta Communications Authority dwar dawn l-arbli tal-GO u nfurmatu li s-Sur Kevin Aquilina, li huwa Frequency Investigation Technician kien lest li jitla` jaghmel it-testijiet sabiex jigi stabbilit jekk dawn l-arbli hux qed jarmu raggi li jistghu jkunu ta' dannu ghal sahhet ir-residenti. Huwa ltaqa` mieghu u qal li dawn ghamlu xoghol professjonali. Dakinhar stess li ghamlu t-test, bghatulna rapport ta' l-emissjonijiet li qed jarmu dawn ir-repeaters, liema rapport jindika li m'hemmx lok ghal biza` peress li l-livell ta' radjazzjoni huwa baxx u ma jaqbizx il-livell stabbilit mil-ligi.

Repeater masts tal-GO plc fiz-zona residenzjali

6.02 Is-Sur Christopher Farruggia rringrazzja lic-Chairperson Lino Pace Bonello u lid-Deputat Segretarju Ezekuttiv Roberta Ciantar ta' l-interess u l-hidma taghhom f'dan ir-rigward.

6.03 Is-Sna. Stephania Gatt offriet li ticcekkja aktar fuq dan ir-rapport u ghandha tivverifika jekk fil-fatt dawn l-emmissjonijiet humiex 'safe'.

7.00 **Affarijiet Ohra**

7.01 Is-Sur Christopher Farrugia wera l-preokupazzjoni tieghu dwar ir-riforma fit-trasport pubbliku. Filwaqt li huwa kuntent li r-residenti ser ikunu moqdija ladarba t-trasport pubbliku jibda` jghaddi minn tal-Virtu, huwa nkwetat li jibdew jghaddu l-karozzi tal-linja l-kbar. Jekk is-servizz se jkun bhala 'feeder service' mhux ser ikun hemm problemi, pero` r-residenti ma jixtiequx li jghaddu l-karozzi l-kbar. Riforma fit-trasport pubbliku

7.02 Is-Sur Lino Pace Bonello qal li mar fuq il-belvedere u nnota li certu sigar li jinsabu fl-ghelieqi ta' taht il-belvedere qed jaghlqu l-veduta quddiem numru ta' bankijiet. Zbir ta' sigar u tindif ta' l-ghelieqi ta' quddiem il-belvedere

Il-Profs. Grixti Soler qabel mas-Sur Pace Bonello u zied jghid li l-ghelieqi fihom hafna hmieg ukoll. Ghaldaqstant il-kumitat qabel li ghandna naraw ta' min huma l-ghelieqi sabiex is-sidien jiehdu hsieb li jizbru s-sigar u jnaddfu l-ghelieqi.

7.03 Il-Profs. Grixti Soler gibed l-attenzjoni li l-gewwa mis-Seminarju hemm kamra u fuqha hemm tank imsaddad. Huwa talab biex nghidu lill-Awtoritajiet ikkoncernati biex dan jitnehha. Tank imsaddad

7.04 Is-Sna. Cecilia Bonello qalet li l-bring in sites li jinsabu fi Triq il-Buskett hemm hafna hmieg madwarhom. Bring in Sites f'Buskett Rd

7.05 Is-Sur Christopher Farrugia ssuggerixxa li jitwahhlu numru ta' bins ghall-hmieg tal-klieb fil-Belvedere u fi Triq Godwin Ganado. Bins ghall-hmieg tal-klieb

7.06 Il-Profs. Grixti Soler talab biex nergghu nigbdu l-attenzjoni tal-MEPA li s-sigar li jinsabu fil-bankina fi Triq Guzeppi Caruana ghamlu hafna hsara lill-wicc tal-bankina u qed jostakolaw l-istess bankina peress li ma tistghax timxi fuqha minhabba fihom. Sigar fi Triq Guzeppi Caruana

8.00 **Aggornament**

8.01 Il-Kumitat qabel li l-laqgha li jmiss ghandha ssir nhar il-Gimgha 24 ta' Gunju 2011. Aggornament

8.02 Il-laqgha ntemmet fid-8.45 p.m.

**Lino Pace Bonello**
**Chairperson**

**Roberta Ciantar**
**Deputat Segretarju Eżekuttiv**